# Mużika Sagra Maltija fis-seklu għoxrin u l-kompożituri tagħha

## IT-TIENI PARTI

*Minn* **Alfred Camilleri**

Illum il-ġurnata, il-mużika sagra li qed tinkiteb mhux neċessarjament qed issib postha fil-funzjonijiet liturġiċi. Dan jista' jkun minħabba żewġ raġunijiet. L-ewwelnett illum l-attendenza fil-knejjes naqset drastikament. It-tieni nett irridu ngħidu li l-Konċilju Vatikan II li sar fis-snin sittin tas-seklu l-ieħor, ġab bidliet kbar fejn qered għal kollox il-"cappella di musica" u enfasizza l-parteċipazzjoni tal-kongregazzjoni waqt il-funzjonijiet. Il-Cappelli tal-mużika ta' l-imgħoddi issa m'għadx għandhom id-dominanza li kellhom qabel u dan forsi minħabba l-fatt li m'għadhomx jitmexxew mill-membri tal-familja tagħhom. Infatti llum il-ġurnata l-mużika tas-Surmastrijiet Bugeja hija afdata f'idejn il-Patrijiet Dumnikani u titmexxa minn Patri Salv Galea, dik tas-Surmastrijiet Nani titmexxa mis-Surmast Joseph Gatt, waqt li dik ta' Carlo Diacono jieħu ħsiebha Dun Ġwann Galea.

Ikolli nistqarr ukoll li l-lum, l-awtoritajiet ekkleżjastiċi qegħdin jippermettu mużika sagra li ma taqbel xejn ma' l-ambjent li fih issir. Hawnhekk qed nirreferi għall-mużika tal-kitarri jew b'xi synthisizer, ħafna drabi stunati, b'xi animatur (jew li jippretendiha ta' animatur) jgħajjat quddiem il-mikrofonu u jissupera lill-kongregazzjoni. Sfortunatament, jekk fis-seklu 19, ħafna bċejjeċ operistiċi kienu jinqalbu f'salmi u tantum ergi, daqshekk ieħor illum ċerti diski qegħdin jinqalbu għal innijiet fil-knejjes. Dan mhux veru l-ispirtu tal-Konċilju Vatikan II u min jippermettih, ma jafx eżattament fiex tikkonsisti l-liturġija li jitlob minna l-istess konċilju. Inħalli fil-ġenb din il-kritika u nibda biex nagħti ħarsa lejn l-iżviluppi li seħħew ġewwa Malta wara t-tieni gwerra dinjija u l-kompożituri li bdew jagħtu l-kontribut tagħhom.

L-effetti tat-tieni gwerra dinjija komplew jirrivoluzzjonaw il-gosti u l-attitudni mużikali tagħna. Kien hawn qawmien ġdid li ħa diversi għamliet u kien mgħejjun minn prosperita' ekonomika u edukazzjoni moderna li bdew jinfirxu. Kuntatti aktar mill-qrib mal-kontinent Ewropew u pajjiżi oħra wrewna l-għażliet mużikali tagħhom u li setgħu jkunu tagħna wkoll. Ir-radju, it-televiżjoni u d-diski bnew fina aspettattivi ta' perfezzjoni. Il-kompożituri tagħna bdew jiktbu aktar u aktar mużika strumentali f'forom li qatt qabel ma kienu mħaddma minn dawk li ġew qabilhom. Il-kultura mużikali ġdida ħolqot entużjażmu u l-opportunitajiet ġodda fit-tagħlim privat, ħajjar lil ħafna ġenituri biex jibagħtu lil uliedhom jitgħallmu xi strument mużikali. Dawn l-opportunitajiet żdiedu bil-ftuħ ta' skola tal-mużika fl-1975 u aktar tard oħra f'Għawdex. Fl-1988 rajna t-twaqqif ta' programm ta' studji mużikali fl-Istitut Mediterran ta' l-Universita' ta' Malta bit-tagħlim f'idejn mużiċisti u kompożituri ewlenin bħal Charles Camilleri, Dion Buhagiar, Joseph Vella, John Galea u Michael Laus, bl-ewwel studenti jiggradwaw fl-1991.

Nibda biex insemmi lil Charles Camilleri. Charles Camilleri studja l-mużika ma' missieru, ma' Joseph Abela Scolaro, Paul Nani, Carmelo Pace u John Weinzweig fl-Universita' ta' Toronto, il-Kanada. Tista' tgħid



*Charles Camilleri*

li ħafna mill-ħiliet tiegħu fil-kompożizzjoni huma riżultat ta' skoperti li huwa għamel waħdu. Forsi dan hu li tixhed l-aħħar opra tiegħu – To Be a Mann – opra ta' 30 minuta kollox fuq librett ta' Peter Serracino Inglott. Dejjem xtaq ikun kompożitur. Fl-1950 huwa rħielha lejn l-Awstralja fejn kompla jwessa' l-esperjenzi mużikali tiegħu. Aktar tard insibuh f'Londra u l-Amerika ta' Fuq. Fl-1983 ġie lura Malta waqt li fl-1992 inħatar bħala l-ewwel professur tal-mużika fl-Universita' ta' Malta. Bħala kompożitur Camilleri għandu fama internazzjonali u ħafna mix-xogħlijiet tiegħu raw il-premiere tagħhom 'l barra minn xtutna.



*Dun Ġwann Galea*

Xieraq li f'dan il-programm ngħidu xi ħaġa dwar Dun Ġwann Galea li sal-lum għadu inkarigat mill-Cappella Diacono. Dun Ġwann Galea twieled San Ġiljan fis-26 ta' Frar 1937 u kien ordnat saċerdot fis-7 t'April 1962. L-ewwel esperjenza mużikali tiegħu ħadha meta kien klarinettist mal-banda ta' San Ġiljan. Aktar tard studja ma' Patri Albert Borg, u ma' Carmelo Pace.

Studju ieħor fil-kompożizzjoni u d-direzzjoni għamlu ma' Julius Kalmar fi Vjenna u ma' Franco Ferrara. Għal xi żmien kien il-Mro. Di Cappela taż-żewġ kattidrali Maltin. Kien ukoll direttur tal-Kor ta' San Ġiljan. Fl-1998 inħatar konsulent mużikali tal-Malta International Choir Festival organizzat kull sentejn mill-Organizzazzjoni Nazzjonali tat-Turiżmu. Minkejja l-ħidma impenjattiva li għandu bħala direttur ta' l-Istitut Kattoliku, huwa jsib ċans biex jeditja u jesegwixxi mużika antika Maltija. Jibqa' jissemma għall-oratorji sbieħ li kiteb fosthom MID-DNUB GĦALL-QDUSIJA, SAN ĠORĠ F'DEMMNA, U L-IMMAKULATA.

Kompożitur Għawdxi li jħabbatha ma' Charles Camilleri huwa l-Professur Joseph Vella. Vella twieled fl-1942. Studja ma'



Joseph Vella

missieru, ma' Franco Donatoni u Franco Ferrara. Iggradwa mill-Universita' ta' Durham fl-1971. Għal xi żmien huwa għallem il-mużika fis-St. Michael's Training College u kellu sehem kbir fit-twaqqif ta' l-iskola tal-mużika Johann Strauss. B'kollox għandu madwar 100 kompożizzjoni. Joseph Vella għandu għal qalbu l-mużika li hemm fl-arkivji tal-Kattidral ta' l-Imdina u nistgħu ngħidu li kien hu, bl-għajnuna tal-Kan. Ġwann Azzopardi li ċerti kompożizzjonijiet merfugħa f'dan l-arkivju reġgħu ngħataw il-ħajja u ġew ippreżentati lill-pubbliku Malti.

Ngħaddu issa għal kompożitur ieħor kontemporanju. Dan huwa



Joseph Sammut

Joseph Sammut, ex-direttur tal-Filarmonika Nazzjonali La Valette. Sammut studja l-mużika ma' missieru u ma' Carmelo Pace. Għal ħafna snin huwa kien id-direttur ta' l-Orkestra tat-Teatru Manoel. L-istudji tiegħu fid-direzzjoni pprefezzjonahom fl-Ingilterra ma' Sir Malcolm Sargent u ma' Sir Clarence Raybould. Tajjeb ngħid li Joseph Sammut beda jikkomponi tard ħafna f'ħajtu u dan bir-raġun għax jekk l-enerġija tiegħu kollha kienet mitfugħa fuq id-direzzjoni, il-ftit ħin liberu li kien ikollu, kien iqattgħu ma' martu u wliedu. Madanakollu l-kompożizzjonijiet tiegħu għandhom valur kbir fl-istorja tal-mużika Maltija. Biżżejjed insemmi r-Requiem li kiteb u li ttellgħet b'suċċess kbir fil-Ġermanja.

Figura prominenti kontemporanja fil-qasam tal-mużika sagra huwa bla dubju Patri Albert Borg, Agostinjan. Patri Bert, kif inhu magħruf, twieled fl-1 ta' Mejju 1919. Studja l-pjanu l-ewwel ma' Joseph Abela Scolaro u mbagħad ma' Bice Mizzi. It-teorija u l-armonija studjahom ma' Carmelo Pace. Fl-1942 ġie ordnat saċerdot u ftit snin wara rħielha lejn Ruma biex jistudja l-mużika fil-Pontificio Istituto di Musica Sacra. Minn wara t-tieni gwerra dinjija sal-1993 huwa kellu l-kariga ta' Mro. Di Cappella taż-żewġ kattidrali Maltin. Harġu ħafna kompożizzjonijiet mill-pinna tiegħu – antifoni, introjti, gradwali, offertorji, quddies, mutetti, salmi u kompożizzjonijiet polifoniċi għall-Ġimgħa Mqaddsa. Kiteb ukoll 4 oratorji – Sancta Rita, Joannes, Conversio Sancti Augustini u Mid-Dlam tal-Habs għad-Dawl tal-Glorja.

Dion Buhagiar, il-Maestro di Cappella preżenti taż-żewġ kattidrali Maltin, twieled fl-1944. Studja l-kuntrapunt u l-orkestrazzjoni ma' Carmelo Pace, l-armonija u l-orgni ma' Dun Karm Xerri u Patri Albert Borg. Studja wkoll fir-Royal College of Music ta' Londra u fl-Universitajiet ta' Toronto, Western Ontario u Rudgers minn fejn kiseb id-dottorat. Buhagiar għadu attiv f'ħafna oqsma tal-mużika. Barra li kif għedt huwa l-maestro di cappella taż-żewġ kattidrali, huwa jgħallem il-mużika fl-Universita' ta' Malta u jagħti ħafna kunċerti fil-pubbliku fejn dejjem jippreżenta mużika sagra antika. Huwa surmast dixxiplinat ħafna għall-korijiet. Prattikament għandu f'idejh tliet korijiet – il-Collegium Musicum, il-Collegium Aureum u l-University Vocal Ensamble. Fuq kollox Dion Buhagiar huwa wkoll organista mfittex ħafna u b'ħila kbira jdoqq l-orgnijiet taż-żewġ kattidrali. Il-kompożizzjonijiet tiegħu nistgħu norbtuhom mas-servizzi tiegħu ta' maestro di cappella. Li tkun f'kariga bħal din, speċjalment f'żewġ kattidrali, jenħtieġlek tikkomponi biex tesegwixxi għax il-funzjonijiet u ċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi u nazzjonali huma numerużi.

Kompożitur ieħor Malti li forsi ma tantx jissemma huwa Joseph Fenech li ħalliena ftit tas-sni ilu. Fenech twieled in-Naxxar fl-1917. Kien ġej minn familja ta' mużiċisti li tinkludi lil missieru Vittorio u lil zijuh, l-organista ċelebri Dun Karm Xerri. Meta kien għad għandu biss 12 -il sena, kien diġa' organista fil-knisja tan-Naxxar, kariga li żamm għal madwar 40 sena. Għal ħafna żmien għallem il-mużika fl-iskejjel governattivi. Kien ukoll pjanista mfittex, tant li akkumpanja ħafna kantanti ta' l-opra. Joseph Fenech ma

llimitax ruħu għall-mużika sagra biss. Fl-1957 huwa kkompona biċċa mużika għall-pjanu, vjolin u vjolinċell li ħadet l-ewwel premju f'konkors mużikali mniedi mir-Rediffusion u kienet imfaħħra ħafna minn Sir Arthur Bliss. Fl-1997, il-Kunsill Lokali tan-Naxxar onorah bit-titlu Ġieħ in-Naxxar.

Persunaġġ li diġa' semmejt huwa Carmelo Pace. Minn taħtu għaddew ħafna mill-kompożituri li tkellimna dwarhom illum. Bir-raġun kollu, il-fama li gawda Carmelo Pace u għadu jgawdi bħala wieħed mill-aqwa kompożituri li qatt kellha Malta hi mistħoqqa. Fil-ħajja tiegħu, interess wieħed kien hemm – il-kompożizzjoni. Kien jikkomponi għax fih kien hemm mil-kompożizzjoni Il-kitba ta' xogħol ġdid kienet saħansitra aktar importanti mill-esekuzzjoni tiegħu. Mhux għax ma kienx irid u jfittex li dak li jinkiteb, jinħadem! Sa ħareġ il-flus biex isir dan u ħafna minndak li kiteb kellu



Carmelo Pace

x-xorti jisimgħu. Carmelo Pace iddedika ħajtu għat-tagħlim tal-mużika. Beda din il-karriera ta' 25 sena u taqta' barra s-snin tat-tieni gwerra, baqa' jgħallem sakemm miet – karriera ta' kważi sittin sena li matulhom għallem eluf ta' studenti li xi wħud minnhom issa huma għalliema, kompożituri, surmastrijiet tal-baned jew tal-knejjes biex b'hekk sar wieħed mill-għalliema l-aktar kariżmatiċi fl-istorja tal-mużika f'Malta. Il-prodott ta' Carmelo Pace huwa ta' madwar 500 kompożizzjoni. Kiteb il-mużika sagra u liturġika, iżda kiteb ukoll erba' opri – CATERINA DESGUANEZ, I MARTIRI, ANGELICA u IPOGEANA. Pace kien l-ewwel mużiċist Malti li studja l-mużika tradizzjonali ta' pajjiżna. L-ewwel xogħol li fih utilizza melodiji folkloristiċi huwa l-MALTESINA ta' l-1931. L-istil karartteristiku nistgħu nittimbrawh bħala romantiċiżmu tas-seklu għoxrin.

U b'dak it-tagħrif dwar is-Surmast Giuseppe Camilleri niġi fit-tmiem is-sensiela ta' artikli dwar IL-MUŻIKA SAGRA F'MALTA. Nittama li dawn il-kitbiet sibtuhom interessanti u nittama wkoll li laħqu l-iskop li għalih kienu maħsuba, jiġifieri li jagħtu lemħa ċkejkna tal-wirt mużikali li ħallewlna ħafna kompożituri Maltin fil-qasam tal-mużika sagra.

Insellmilkom u nixtiqilkom il-festa t-tajba!

## MITT SENA ILU.....

*MID-DJARJU TA' SALVATORE CEFAI*

**18-19/04/1915:** Sar l-Ingress fil-Knisja Katidrali ta' Malta fl-Imdina, tal-Isqof ta' Malta Dom Mauro Caruana OSB. Dan l-Ingress kien tant famuż li kien hemm bosta x'tara ġewwa l-Imdina u l-Isqof ta pjaċir wisq speċjalment meta kien fuq id-debba u dan kien nhar San Publju; imma billi l-imsemmi Isqof ittrasferixxa l-festa ta' San Publju għal tmint ijiem wara, bħala Furjaniż u bin il-Furjana, l-Isqof ried li l-ewwel festa li għamel nhar San Publju, tibqa' memorja tiegħu. Mons. Vescovo di Malta e di Prodi Mauro Caruana – 19.04.1915.

**25/04/1915:** Nhar il-kbira festa prinċipali ta' Malta, S. Publju l-ewwel Isqof ta' Malta għamel il-kbira u solenni festa, l-Isqof ta' Malta Mauro Caruana, bħala li l-Furjana kellha dik ix-xorti li jkollha Isqof Furjaniż, jiġifieri bin il-Furjana. Mauro Caruana Vescovo di Malta e di Prodi.

**20/08/1915:** Il-Papa li għandna Benedittu XV ħareġ dan id-digriet, li l-Konsagrazzjoni tal-knejjes kollha ta' Malta isiru f'ġurnata waħda, jiġifieri fis-26 ta' Settembru, ċioè barra mill-Katidral u l-Kon-Katidral, jiġifieri San Ġwann tal-Belt.

**02/11/1915:** F'din is-sena, il-Papa preżenti Benedittu XV, ordna illi fit-2 ta' Novembru jiġifieri fl-Għid tal-Imwiet, is-saċerdoti kollha jqaddsu tliet Quddisiet lill-erwieħ. Ċirkustanza tal-gwerra li ninsabu fiha, li nqerdu bosta nies fiha, illi d-dinja kollha tinsab imbikkija u mħabbta.